**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 213/2024**

**Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Justin Mallia**

Illum it-23 ta' Mejju 2024

Il Qorti rat li tressaq taht arrest Justin Mallia ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, iben Kevin Mallia u Paola Mallia nee' Azzopardi, imwieled Pieta', Malta nhar it-tmintax (18) tax-xahar ta' April tas-sena elf disgħa mija, tmienja u disgħin (1998), li jirrisjedi ġewwa l-indirizz ENT 95, FL 6, Triq San Ġwann, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' 0144698M

Akkuzat f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli fit-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa l-Mużew Marittimu, Triq l-Assedju l-Kbir, 1565, Birgu, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ossia żewġ medalji u / jew muniti liema serq huwa aggravat bil-'mezz' u bil-'valur' liema ammont jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) u kif ukoll bil-'lok', għad dannu tal-Mużew Marittimu u/jew ir-Repubblika ta' Malta u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

2. **Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi,** irċieva jew iddetjena proprjetà kulturali u ċioe` żewġ medalji u/jew muniti filwaqt li kien jaf li din tkun tneħħiet illegalment f'Malta;

3. **Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi,** xjentement kien fil-pussess ta' kwalunkwe forma ta' proprjetà kulturali u ċioe` ta' medalji / u jew muniti liema propjeta' kienet akkwistata illegalment u miżmuma minn dik il-persuna;

4. **Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi,** insab li għandu fil-pusses tiegħu xi oġġett illi l-pussessur tiegħu jkun jaf li huwa proprjetà tar-Repubblika ta' Malta, li l-awtorità kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wieħed jista' jiddisponi minnhom;

5. **Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi,** b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwarxi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, *ossia* l-Mużew Marittimu u/jew ir-Repubblika ta' Malta u/jew persuni u/jew entitajiet oħra, meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000);

6. **Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi,** kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr Doreen Clarke nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) taħt depożitu ta' elf ewro (€1,000) u garanzija personali ta' erbat elef ewro (€4,000);

7. **Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi,** kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu mill-Qorti Kriminali mogħtija lilu mill-Imħallef Dr Neville Camilleri nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'April tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) taħt depożitu ta' elfejn ewro (€2,000) u garanzija personali ta' għaxart elef ewro (€10,000);

8. **Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi,** kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello nhar is-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) taħt depożitu ta' tmien mitt ewro (€800) u garanzija personali ta' tliet elef ewro (€3,000);

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien instab ħati ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Justin Malli u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat, kif ukoll tordna li s-somma ta' għoxrin elf u tmien mitt ewro (€20,800) tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tax-xhieda tal-prosekuzzjoni billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija għal reati hawn fuq imsemijja u jekk jidrilha xieraq tordna lill-ħatja sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li huwa xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak ittelf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra ai termini ta' l-Artikolu 15A tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-Liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittma;

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tad-19 ta' Marzu 2024, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kien ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2024 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-

[1] Folio 13 ta' l-atti processwali

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.[2]

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-23 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan huwa kaz ta' serq aggravat komess mill-imputat gewwa l-Muzew Marittimu ta' Malta u li sussegwentement prova jghaddi lit-terzi ghal gwadan

[2] Folio 50 ta' l-atti processwali

tieghu. Illi dan sar ukoll waqt li kien qieghed jibbenifika mill-liberta provizorja f'kawzi ohra pendenti kontrih.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibhom hatja tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- Fl-atti jinsab il-fedina penali ta' l-imputat li turi reati simili ta' serq u reati kontra l-persuni.[3] Jidher mill-istess fedina li ta' tmintax il-sena kien ikommetta l-ewwel reat ta' serq aggravat u issa li ghandu sitta u ghoxrin sena baqa qatt ma rriforma ruhu izda anzi waqa iktar fil-kriminalita.
- L-imputat ma amettiex fl-ewwel okkazzjoni li seta jew fl-iktar stadju bikri. Madankollu l-ammissjoni tieghu saret fit-tielet seduta waqt li l-prosekuzzjoni kienet ghadha fl-istadju taghha u s-smiegh tal-kawza ma kienx avvanzat. Konsegwentement titqies bhala attenwanti favur l-imputati fic-cirkostanzi tal-kaz.
- L-imputat huwa recidiv skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant din il-Qorti tista meta taghti piena izid l-istess piena bi grad wiehed jew tnejn u f'kaz tat-tielet kundanna jew ohrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.
- Illi r-reat ta' attentat ta' serq huwa meqjus aggravat in vista tal-valur, lok u mezz u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-

[3] Dok CG3, Folio 16-18 ta' l-atti processwali

aggravju u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu kif ukoll ghandha tizdied bi grad skond l-artikoli 278(3) u 280(1)(2) tal-Kodici Kriminali.

- Illi skont l-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum,il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

- Illi fis-sottomissjonijiet taghha l-prosekuzzjoni talbet il-Qorti tikkunsidra li taghti piena karcerarja ta' hames snin habs tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

- Id-difiza tabraccja ma din il-posizzjoni u filwaqt din il-Qorti mhix marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tara li hija legalment proponibbli.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti tqis li l-imputat inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu izda xorta ghazel it-triq tal-kriminalita. Illi l-Qorti tqis ukoll li ta eta tenera qabad din it-triq u baqa sejjer ghal-ghar u ghalhekk sejra tikkunsidra piena karcerarja hekk kif issugerrew il-partijiet.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 278(1)(2)(3), 279, 280, 281, 290, 308, 310(1)(a), 579 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 70(1)(e)(h) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Justin Mallia **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah prigunerija effettiva ta' **hames (5) snin** habs b'dan illi ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv u filwaqt li taghzel ukoll li titratta mieghu ghal ksur tal-liberta provizorja fis-sitt, seba u tmien imputazzjonijiet tikkundannah prigunerija ta' **sentejn (2) habs** kif ukoll tordna l-arrest tieghu mill-gdid u tordna li s-somma ta' **ghoxrin elf u tmien mitt Euro (€20,800)** msemmija fl-obbligazzjonijiet ta' l-istess tlett digriet moghtija mill-Qrati Kriminali, jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni skont l-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali stante li r-rikavat gie ritornat lura lill-parti offiza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot lill-hati ghal perjodu ta' tlett snin (3) mid-data tar-remissjoni tas-sentenza taht penali ta' tlett elf euro (€3,000).

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputa ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar it-23 ta' Mejju 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**